**20 ta' Mejju, 1963**

**Imħallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. A.J. Montanaro Gauci C.B.E., K.M., LL.D.**
**Onor. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Nicola Ciappara

*versus*

Carmela Carusa noe

**Rogatorji — Formalitajiet Essenzjali — Parti f'kawża tista tixhed permezz tar-Rogatorji.**

*Anki l-parti f'kawża, jekk tkun assenti minn dawn il-Gżejjer, għanda d-dritt tagħti x-xhieda tagħha, permezz ta' rogatorji.*

*Biex il-Qorti tilqa t-talba għas-smiegħ ta' xhieda permezz tar-rogatorji, hu essenzjali li jiġu osservati l-formalitajiet preskritti fl-art. 614 u 615 tal-Kodiċi ta' Proċedura.*

Il-Qorti, rat is-sentenza preċedenti tagħha tal-5 ta' Frar, 1960, li fiha hemm is-soltu rijasunt taċ-ċitazzjoni ta' l-attur u tan-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta nomine u li biha ġiet konfermata s-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ tas-6 ta' Ottubru, 1959 li kienet irrespinġiet l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuta u ordnat is-smiegħ fil-meritu;

Rat id-degriet ta' l-istess Onorabbli Qorti tal-Kummerċ ta' l-14 ta' Marzu, 1963, li bih ordnat lil Perit Legali jżomm seduta fis-26 ta' l-istess xahar biex dak in-nhar jinstemgħu diversi xhieda u l-konvenuta tipproduċi d-dokumenti kollha li jidhrilha li għandha tipproduċi, u ordnat lill-Perit iżomm is-seduta anke jekk xi waħda mill-partijiet u d-difensur tagħha ma jidhrux mingħajr raġuni tajba u mbagħad l-istess Perit għandu jippreżenta mill-aktar fis ir-relazzjoni;

Rat ir-rikors tal-konvenuta tas-16 ta' Marzu, 1963 li bih appellat minn dak id-degriet u talbet li jiġi riformat fis-sens li jiġi revokat f'dik il-parti fejn il-Pert Legali ġie ordnat jippreżenta mill-aktar fis ir-relazzjoni tiegħu u jiġi konfermat fil-kumplament u li tiġi awtorizzata li, wara li jispiċċaw il-provi kollha taż-żewġ partijiet li hawn Malta, tisma' xhud

permezz ta' ittri rogatorji lill-konvenut Anthony Lia u jiġi mogħti kull provvediment ieħor li l-każ jirikjedi, bl-ispejjeż ta' dan l-appell kontra l-attur;

Rat ir-risposta ta' l-attur li wieġeb illi d-degriet appellat għandu jiġi kkonfermat bl-ispejjeż kontra l-appellanti;

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat;

Biex il-punt sollevat bl-appell jista' jiftiehem, id-degriet appellat jeħtieġ li jiġi allaċċat mar-rikors tal-konvenut ta' l-14 ta' Ġunju, 1961 (fol. 123) u mad-degriet ta' l-ewwel Onorabbli Qorti tal-15 ta' xahar u mad-diversi provvedimenti in segwitu mogħtija fuq l-istess kwistjoni minn dik l-Onorabbli Qorti. B'dak ir-rikors l-appellanti kienet, wara li esponiet illi għall-aħjar istruzzjoni tal-kawża kienet indispensabbli x-xhieda tal-konvenut Anthony Lia, talbet li l-Qorti tiddikjara b'degriet li kien neċessarju l-eżami ta' dak ix-xhud skond it-termini ta' l-artikolu 613 tad-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili. Fuq dik it-talba l-ewwel Onorabbli Qorti "irriservat li tipprovdi wara li r-rikorrenti tkun uniformat ruħha mad-disposizzjonijiet kontenuti fl-artikolu 614 u 615" ta' dak il-Kodiċi.

Skond l-artikolu 613 meta l-parti f'kawża quddiem Qorti Superjuri. . . . . turi b'sodisfazzjoni tal-Qorti ix-xhieda ta' persuna li qegħda barra minn dawn il-Gżejjer hi indispensabbli għad-deċiżżjoni tal-kawża, dik il-Qorti tista' tiddikjara b'degriet li hu meħtieġ l-eżami ta' dak ix-xhud u tissospendi l-kawża.

Għal dan l-artikolu jsegwu l-artikolu 614 u 615. Skond l-ewwel wieħed minnhom it-talba għal dan l-eżami għandha ssir b'ċitazzjoni jekk magħmula qabel is-smiegħ tal-kawża,

jew bil-fomm jekk magħmula waqt is-smiegħ u **fil-każ il-wieħed u l-ieħor il-parti li titlob is-smiegħ ta' dak ix-xhud,** meta **tagħmel it-talba għal daqshekk** il-Qorti bil-miftuħ (in making the demand in open court) **għandha ġġib il-mistoqsijiet magħmulin bil-miktub u tagħti l-isem tal-persuna li għandha tidher għaliha waqt is-smiegħ tax-xhud.**

Skond l-artikolu 615 **l-istess parti li titlob is-smiegħ tax-xhud għandha twettaq bil-ġurament li taf, jew, li għandha** informazzjoni li għandha raġun biżżejjed biex taħseb li hi vera, li dak ix-xhud jinsab fil-lok imsemmi mill-istess parti, u li l-istess xhud jista jiżgura l-verita tal-fattijiet miġjubin fil-mistoqsijiet.

Jidher ċar illi f'dawn id-disposizzjonijiet dak li qed jiġi kontemplat hija xhieda ta' persuni li l-parti trid tipproduċi ċioe ta' xhieda diversi mill-istess dispożizzjonijiet igħaddu xorta waħda (sintendi mutatis mutandis) fil-każ illi parti li tkun barra minn dawn il-Gżejjer u rappreżentata min-mandatarju jew kuratur quddiem il-Qorti, tkun trid tagħti permezz ta' rogatorji x-xhieda tagħha nifisha l-istess artikolu 564 li jirendi l-partijiet kompetenti biex jixhdu fil-kawża tagħhom, jiddisponi illi "d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi dwar ix-xhieda jgħoddu għall-partijiet fil-kawża";

Issa ma jidhirx li jista' jkun hemm dubju illi r-rekwiżiti fuq imsemmija preskritti mill-artikoli 614 u 615 huma formalitajiet essenzjali tat-talba għall-teħid tad-depożizzjoni bil-mod hemm kontemplat, u kondizzjonijiet li jeħtieġ li ikunu sodisfatti **qabel** ma l-Qorti tista' tiddekreta illi l-eżami hu meħtieġ u, għall-fini tiegħu, tissospendi l-kawża. **"In making the demand"** — igħid testwalment l-artikolu 614 — il-parti li tagħmilha **għandha tipproduċi l-interrogotarju.** U fl-istess stadju l-parti **għandha tagħmel id-dikjarazzjoni ġura-**

mentata imsemmija fl-artikolu 615;

Dan hu naturali u loġiku. Ma tistax il-Qorti altrimenti tissodisfa ruħha illi l-eżami li dan il-mod straordinarju hu indispensabbli u neċessarju ħlief billi jkollha quddiemha l-oġġett ta' prova li trid issir b'dik ix-xhieda, li tista' tirriżulta b'mod konkret mill-interrogatorji li jridu jsirulu. Meta l-Qorti tagħti d-degriet imsemmi fl-artikolu 613 li bih tiddikjara li hu meħtieġ l-eżami tax-xhud dawk il-formalitajiet għandhom ikunu bil-fors ġa ġew osservati: tant huwa hekk illi ma dak id-degriet is-smiegħ ulterjuri tal-kawża jiġi sospiż skond l-istess artikolu u ma jibqax rigward dik il-proċedura ħlief illi l-Qorti tagħti d-degriet l-ieħor imsemmi fl-artikolu 618 biex ir-Reġistratur jikteb l-ittra rogatorjali lill-awtorita ġjudizzjarja tal-post fejn l-eżami tax-xhud għandu jsir;

Issa, fil-każ preżenti, l-appellanti nonostanti li l-ewwel Onorabbli Qorti kienet fil-15 ta' Ġunju, 1961 kif ġa intqal, ġustament irriservat li tipprovdi fuq it-talba tagħha magħmula taħt l-artikolu 613 wara li hi tkun uniformat ruħha ma l-imsemmija disposizzjonijiet ta' l-artikoli 614 u 615 u nonostante li, wara li kienu għaddew iktar min erba' xhur minn dik id-data, l-appellant kienet għada ma uniformatx ruħha ma dak id-degriet, l-istess Onorabbli Qorti iffissatilha, bid-degriet tagħha tad-19 ta' Ottubru, 1961 (fol. 125), tnax il-ġurnata żmien oħra u biex hi tagħmel dak li kien skond il-liġi ġie qabel ordnat: u nonostante li, skond il-verbal fol. 127, l-istess Qorti reġgħet fuq talba ta' l-appellanti tawwlitilha ż-żmien għal xahar ieħor: u nonostante diversi differimenti oħra l-appellanti għadha, anke sa llum stess, anqas għamlet dak li kien messha għamlet mill-bidu u li kien ġie ordnat lilha bl-ewwel degriet fuq imsemmi tal-15 ta' Ġunju, 1961;

F'dawn iċ-ċirkostanzi huwa manifest, anki aparti minn kull raġuni oħra, illi t-talba ta' l-appellanti anqas setgħet legalment tiġi biss kunsidrata.

Għal dawn il-motivi u, salva s'intendi kull diskrezzjoni oħra li l-ewwel Onorabbli Qorti jista' għandha skond il-liġi, din il-Qorti "rebus sic stantibus" tiċħad l-appell u tikkonferma d-degriet appellat bl-ispejjeż kontra l-appellant u tordna li l-kawża tiġi remessa lil dik l-Onorabbli Qorti.